**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 3885/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Karen Grech**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Karen Grech, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77588(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar is-7/12/2021, 09/12/2021, 14/12/2021, 16/12/2021 kif ukoll fis-17/12/2021, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Daniel Scicluna għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12 u l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħatja tal-

imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tagħha u kkundannatha għal ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Karen Grech, ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2024, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata in kwantu nstabet ħatja tal-akkuża miġjuba fil-konfront tagħha u tilliberaha minn kull imputazzjoni. Sussidjarjament, fil-każ li dina l-Qorti tikkonferma l-ħtija tagħha, l-appellanti titlob li tiġi varjata l-piena nflitta għal piena oħra anqas ħarxa skond il-Liġi fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar it-13 ta' Settembru 2024 ġie vverbalizat li "*Il-parte ċivile Daniel Scicluna ddikjara li hu lest li jaħfer lill-appellanti u ma jixtieqx li din tintbagħat il-ħabs, kull ma jrid hu li jkollu aċċess għal ibnu, jiddikjara inoltre li bl-assistenza ta' Aġenzija Appoġġ huwa għandu llum aċċess għall-ibnu*".

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju ventilat minnha, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti għaddiet għad-deċizjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament zbaljat tal-provi li tressqu quddiemha, għalkemm imbagħad ma tgħaddi biex tagħti ebda raġuni li abbażi ta'l-istess qed isejjes l-aggravju tagħha, għalkemm dan l-ilment isib postu fil-parti tar-rikors ta'l-appell fejn hija tispjega x'kienu l-fatti tal-każ. Illi, l-appellanti tilmenta illi l-ġranet kif indikati fid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta' Ottubru 2020 ma kenux qed jiġu sewgiti u kwindi hija ma setatx tinstab ħatja li naqqset milli tosservah. Oltre dan fl-imsemmi digriet ma hemmx indikazzjoni tal-post minn fejn

kellu jinġabar il-minuri u jiġi ritornat. Wara dan l-ilment tressaq aggravju ieħor marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta tqis illi din kienet waħda eċċessiva.

Illi, minn eżami tal-atti jidher illi ma kienx hemm qbil bejn l-ko-litigandi fir-rigward tal-mod kif kellu jiġi eżerċitat id-dritt ta'l-aċċess tal-missier favur ibnu minuri. Illi għalkemm quddiemha il-Qorti għandha diversi każijiet fejn l-appellanti allegatament naqset milli tagħti aċċess lil missier għal ibnu minuri, dan il-każ huwa marbut ma' l-allegata infrazjoni tal-liġi li seħħet nhar fis-7 u d-9 ta' Diċembru 2021. Ukoll, l-istess parti offiża kien reġa' irrikorra l-Għassa nhar it-18 ta' Diċembru 2021 fejn irraporta li l-appellanti kienet naqset milli tagħtih aċċess għall-minuri nhar l-14, 16 u 17 ta' Diċembru 2021. Skond l-*affidavit* redatt minn PC 2442 Pace M., meta l-appellanti ġiet mitkellma mill-Pulizija hija stqarret illi "**fi 28 ta' Novembru 2021 irċeviet messaġġ mingħand Daniel fejn jgħid dan li ġej 'niflaħx iktar għal dal paroli fil-vojt, għadni kemm tajtek 350 3 ġimgħat ilu ... u għamilt x xhur intik il-manteniment kull ġimgħatejn jew kull 3 ġimgħat biex tajtek ta blura ... iġġibux ada lit-tifel la moħħok biex tifridni minnu, ħa naqtalek xewqtek ... qabel jibatu għalina l-qorti jerġaw iġġibux iktar l-t-tifel'**". *Inoltre*, hekk kif jirrizulta mill-*affidavit* redatt minn PC 791 J.Borg, nhar is-17 ta' Diċembru 2021, l-appellanti kienet irrapurtat li l-parti offiża dakinhar ma kienx ġie għat-tifel kif suppost kellu jagħmel.

Illi d-digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 13 t'Ottubru 2020, ipprezentat in atti[1], jirriżulta li l-aċċess tal-parti offiża għal ibnu minuri kellu jiġi eżerċitat:

1. **Kull nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis mit-3:00pm sa-6:00pm;**
2. **Kull weekend b'mod alternattiv ikun hemm sleepover darba mill-Ġimgħa fit-3:30pm sas-Sibt fit-3:30pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Ħadd bl-istess ħinijiet;**
3. **F'Jum il-Misseri il-minuri jqatta' l-ġurnata ma' missieru mill-10:00am sas-7:00pm u f'Jum l-Omm il-minuri jqatta' l-istess ħin mal-omm anke jekk jinzerta jum l-aċċess tal-missier;**
4. **F'għeluq is-snin il-missier, il-minuri jqatta' l-jum ma' missieru mill-10:00am sas-7:00pm u f'għeluq snin l-omm il-minuri jqatta' l-istess ħin ma' ommu anke jekk jinzerta jum ta' aċċess;**

[1] Fol.31

5. **Fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena, l-aċċess tal-missier isir b'mod alternat, l-ewwel sena l-minuri jqatta' l-Milied ma' missieru mis-6:00pm ta' lejliet il-Milied sas-6:00pm ta' Jum il-Milied u jqatta' l-Ewwel tas-Sena mal-omm mis-6:00pm ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena sa-6:00pm ta' Jum l-Ewwel tas-Sena, u viċi versa tas-sena ta' wara.**

Illi, Scicluna xehed li huwa u l-appellanti kellhom relazzjoni li minnha twieled tifel li llum 'l ġurnata għandu seba' snin. Huwa xehed li minn Ottubru tas-sena 2021 sad-data ta' meta xehed, ċioe' nhar it-23 t'Ottubru 2023, l-appellanti qatt ma tatu aċċess għal ibnu għax "**tħossha li ħa tagħmilli pjaċir meta iġġibli t-tifel**". Huwa jispeċifika li l-ġranet meta huwa kellu l-aċċess għall-ibnu f'Diċembru tas-sena 2021 kienu "**7, 9, 14, 16, 17**".

Illi, minn naħa l-oħra, meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanti tat verzjoni tal-fatti differenti minn dik tal-parti offiża. Xehdet li Scicluna kien iddeċieda li meta kien imissu l-aċċess għal ibnu huma kellhom jiltaqgħu fejn l-għassa tal-Pulizija ta' Bormla pero' "dan fejn l-għassa qatt ma ġie għax jien nieħu ritratt tal-għassa minn barra, immur fil-ħin nistenna 20 minuta u ma nibqax hemm ovvjament, u ma jiġix ... Jiena nħoss li nagħmel l-almu tiegħi anzi hux". Tikkonferma li dejjem marret quddiem l-għassa fil-ħinijiet stipulati fil-ġranet tal-aċċess. Tallega ukoll illi t-tifel kien qed jiġi maħqur minn missieru u li dan lanqas kien qed igħaddhielha manteniment.

Illi, għalhekk jirriżultaw żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, iżda l-Ewwel Qorti għażlet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi ma tagħtix affidament lil verżjoni tal-appellanti, deċiżjoni bbażat fuq diversi konsiderazzjonijiet legali ta' natura siewja.

Illi dan magħdud, madanakollu, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2024 din il-Qorti ordnat lill-appellanti tippreżenta d-digrieti kollha li ngħataw mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mis-sena 2020 'il quddiem u dan in konnessjoni mad-dritt ta'l-aċċess mill-missier għal ibnu minuri. Illi permezz ta' nota ippreżentata nhar id-29 ta' Awwissu 2024, l-appellanti, oltre għad-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020, ippreżentat żewġ digrieti oħra, wieħed datat il-31 ta' Ottubru 2022 u ieħor datat it-12 ta' Ottubru 2023, b'dan l-aħħar digriet jissosspendi d-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 u li abbażi tiegħu l-parti offiża ressaq il-kwerela. Dan seħħ wara talba magħmula mill-appellanti sabiex l-

aċċess jkun varjat tenut kont ta' diversi problemi li allegatament kienet qed tirriskontra meta il-minuri kien qed ikun ma' missieru. Tallega quddiem il-Qorti Ċivili, fost oħrajn, illi l-missier kien ikun xurban u li meta kienet tmur ħdejn l-għassa biex tagħti l-aċċess lil missier dan ma kienx jitfaċċja u anke ippreżentat quddiem dik il-Qorti ir-ritratti biex tipprova dan, liema dokumenti l-Ewwel Qorti ma kenitx ħallietha tippreżenta.

Illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sussegwentement irreferiet il-każ quddiem id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li fir-rapport tiegħu, stante diversi allegazzjonijiet li l-ġenituri kienu qed jagħmlu fil-konfront ta' xulxin, ħass li kellu jirrakkomanda li l-aċċess jibda jkun eżerċitat taħt superviżjoni ġewwa l-Aġenzija Appoġġ. Illi fil-fatt il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bid-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2023, issospendiet l-effetti tad-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 u ordnat illi l-aċċess jibda jiġi ezerċitat taħt superviżjoni ġewwa l-Aġenzija Appoġġ, meta hekk ordnat:

> **"Fiċ-ċirkostanzi, tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat Għall-Ħarsien tat-Tfal fejn il-professjonisti konċernati għandhom jkomplu jsegwu dan il-każ u dan in vista tar-rapport tagħhom datat 9 ta' Mejju 2023. Id-Direttorat għandu jsegwi l-progress o meno reġistrat mill-missier konvenut, u id-Direttorat għandu jagħti r-rakkomandazzjonijiet kollha meħtieġa fl-interess suprem tal-minuri Eston Scicluna. Jekk ikun mistħoqq l-aċċess għandu jkun rivedut għal dak li jista' jibbenifika iktar minnu l-minuri Eston Scicluna. In oltre il-partijiet għandhom jattendu kors ta' co-parenting. Fl-eventwalita' li jiġi reġistrat progress favur il-konvenut fis-sens li ma jkunx hemm aktar ħtieġa li d-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 jibqa sospiż, id-Direttorat għandu jirrelata f'dan is-sens sabiex ikunu jistgħu jittieħdu dawk il-passi neċessarji u opportuni fl-interess suprem tal-minuri."**

Illi fil-fatt mill-verbal ta' din il-Qorti tat-13 ta' Settembru 2024, jidher illi dan l-aċċess taħt superviżjoni qed jiġi eżerċitat mill-missier bl-assistenza tal-Aġenzija Appoġġ, tant illi llum iddikjara li m'għandux aktar interess f'dawn il-proċeduri.

Illi allura minn dawn l-iżviluppi li seħħew fil-mori tal-każ temerġi dik ir-raġuni valida li titkellem dwarha il-liġi fl-artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali li abbażi tagħha in-nuqqas ta' aċċess huwa ġustifikat, tant illi l-Qorti Ċivili tat widen lill-appellanti, laqgħet it-talba tagħha, u issosspendiet l-eżerċizzju ta'l-aċċess fit-termini tad-digriet mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi għalkemm din il-Qorti tista' tifhem dak li wassal lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha illi tikkonkludi il-każ fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023, meta din il-kawża kienet ilha pendenti għal żmien twil, madanakollu kien ikun għaqli li kieku hija tat opportunita' lill-appellanti sabiex fuq talba tagħha stess tressaq dawk il-provi dokumentarji li ma kellhiex fil-pussess tagħha b'mod fiżiku dak in-nhar tas-seduta. Il-Qorti tinsab perplessa ukoll kif ebda waħda mill-partijiet ma ġibdet l-attenzjoni ta'l-Ewwel Qorti għad-digriet tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ottubru 2023 li ssosspenda id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 minħabba diversi allegazzjonijiet li kienu saru mill-omm fil-konfront tal-missier. Jidher mill-indaġini li saret mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal illi għalkemm saru allegazzjonijiet miż-żewġ ġenituri kontra xulxin li id-Direttorat ma kellux mod kif jipprova, madanakollu kienet tal-fehma illi l-aċċess kellu jibda jiġi eżerċitat taħt superviżjoni, anke għaliex il-missier ma sabx oġġezzjoni għal dan.

Illi allura abbażi ta' dawn il-motivi l-Qorti tqis illi l-appell tal-appellanti Karen Grech jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti Karen Grech minn kull ħtija u piena.**

Edwina Grima

Imħallef